PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

27.4.2009 B6-0258/2009

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsija li titlob tweġiba orali B6-0230/2009

skont l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Guido Sacconi

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru… ta' … li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni *tal-Kimiki* (REACH)), fir-rigward tal-Anness XVII

**B6-0258/2009**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru… ta' … li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni *tal-Kimiki* (REACH)), fir-rigward tal-Anness XVII**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni *tal-Kimiki* (REACH), li jistabilixxi Aġenzija *tal-Kimiki* Ewropea, u li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE, b'mod partikulari l-Artikolu 131[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 83/477/KEE tad-19 ta' Settembru 1983 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi *mal-espożizzjoni* għall-asbestos fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 80/1107/KEE)[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996 dwar ir-rimi tal-polychlorinated biphenyls u l-polychlorinated terphenyls (PCB/PCT)[3],

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru… li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni *tal-Kimiki* (REACH)), fir-rigward tal-Anness XVII,

– wara li kkunsidra l-opinjoni mogħtija mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 133 tar-Regolament imsemmi hawn fuq,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 5a(3)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni *tal-Kimiki* (REACH) jirrevoka u jbiddel id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri marbuta mar-restrizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi b'effett mill-1 ta' Ġunju 2009,

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
[2] ĠU L 263, 24.9.1983, p. 25.
[3] ĠU L 243, 24.9.1996, p. 31.

B. billi l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, kif emendat mill-anness tar-regolament tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq, għandu jieħu post l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE li tistabbilixxi restrizzjonijiet għal ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi,

C. billi l-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprovdi li sustanzi, taħlitiet jew prodotti ma jistgħux jiġu mmanifatturati, jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw sakemm ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet ta' restrizzjonijiet stabbiliti fir-rigward tagħhom fl-Anness XVII,

D. billi l-punt 2, numru 6 tal-anness imsemmi hawn fuq tal-abbozz tar-regolament tal-Kummissjoni għandu l-għan li jestendi l-projbizzjoni attwali rigward it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-fibri tal-asbestos u ta' prodotti li fihom dawn il-fibri għall-manifattura ta' dawn il-fibri u l-prodotti li jkun fihom il-fibri tal-asbestos,

E. billi l-punt 2, numru 6 tal-anness imsemmi hawn fuq tal-abbozz tar-regolament tal-Kummissjoni jżomm l-eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-fibri tal-asbestos
   - għall-prodotti li jkun fihom il-fibri tal-asbestos li diġà jkunu ġew installati jew użati qabel l-1 ta' Jannar 2005 skont kundizzjonijiet speċifiċi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem
   - u għal dijaframmi li jkun fihom il-chrysolite f'installazzjonijiet tal-elettroliżi eżistenti,

F. billi ebda asbestos ġdid ma jista' jitqiegħed fis-suq tal-Komunità, bl-eċċezzjoni ta' dijaframmi għall-elettroliżi, u billi m'hemm ebda dispożizzjoni speċifika tal-Komunità għall-ħarsien tal-ħaddiema mir-riskji marbuta mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol meta jitneħħa l-asbestos, u sfortunatament m'hemm ebda dispożizzjoni tal-Komunità għad-dekontaminazzjoni ta' prodotti li fihom l-asbestos, li jħalli dan kollu f'idejn il-kompetenza tal-Istati Membri,

G. billi l-asbestos jibqa' responsabbli għal għadd sostanzjali ta' mardiet minħabba l-espożizzjoni għall-fibri tal-asbestos,

H. billi d-Direttiva 96/59/KE stabbiliet obbligi fuq l-Istati Membri għad-dekontaminazzjoni jew ir-rimi ta' tagħmir li jkun fih il-PCBs u/jew ir-rimi ta' PCBs użati sabiex jiġu eliminati għalkollox; billi l-Komunità għandha tieħu azzjonijiet simili dwar il-fibri tal-asbestos,

I. billi l-leġiżlazzjoni tal-Komunità tkopri sitt minerali tal-asbestos (crocidolite, amosite, anthophyllite, actinolite, tremolite u chrysolite) iżda għadha ma tkoprix il-minerali bl-istruttura tal-asbestos, bħar-richterite u l-winchite, anki jekk jistgħu jitqiesu bħala anqas ta' ħsara mit-tremolite, amosite jew crocidolite u huma użati bl-istess mod f'materjali ta' iżolament,

J. billi wara l-wasla tar-rapporti tal-Istati Membri li qed jagħmlu użu mill-eżenzjoni tad-dijaframmi, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-eżenzjoni u titlob lill-Aġenzija biex tħejji dossier skont l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH) bil-għan li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu tad-dijaframmi li jkun fihom il-chrysolite,

K. billi xi partijiet interessati jsostnu li d-deroga trid tintemm minnufih, għaliex diġà jeżistu

tekonoloġiji sostitutivi (membrani ħielsa mill-asbestos) li qegħdin jintużaw mill-biċċa l-kbira tal-manifatturi Ewropej tal-kimiki,

L. billi l-aktar mod effikaċi biex titħares is-saħħa tal-bniedem tabilħaqq ikun li jiġi pprojbit l-użu tal-fibri tal-asbestos chrysolite u l-prodotti li jkollhom minnhom mingħajr ebda eżenzjoni,

M. billi llum jeżistu sostituti jew alternattivi għal bosta użi li jifdal għall-asbestos chrysolite li mhumiex ikklassifikati bħala karċinoġeni u li jitqiesu bħala inqas perikolużi,

N. billi fir-reviżjoni dwar id-deroga tad-dijaframmi tal-asbestos chrysolite imwettqa skont id-Direttiva 76/769/KEE[1] , ġew eżaminati u tqiesu kemm l-impatti fuq is-saħħa kif ukoll l-impatti ekonomiċi meta l-Kummissjoni ressqet l-istrateġija differenzjata tagħha kif stabbilit mill-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru…ta' … , li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH), appoġġjat mill-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri,

1. Fid-dawl ta'
   - l-istrateġija meħuda mill-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru…ta' … li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH) biex jiġu eliminati gradwalment il-fibri tal-asbestos fi żmien medju,
   - ir-reviżjoni tad-deroga tad-dijaframmi tal-asbestos chrysolite imwettqa skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/77/KE, u
   - l-istqarrija li saret mill-Kummissjoni fl-okkażjoni tal-adozzjoni tal-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni fil-Kumitat tal-Istati Membri tar-REACH fl-20 ta' Frar 2008,

   iżomm milli jmur kontra l-adozzjoni tal-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru… ta' … li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH);

2. Jinnota r-reviżjoni li tikkonċerna d-deroga tad-dijaframmi tal-asbestos chrysolite u jenfasizza li l-installazzjonijiet b'vultaġġ għoli jistgħu jitħaddmu b'suċċess b'materjali alternattivi, u li xi installazzjonijiet ta' dan it-tip fl-UE diġà nbidlu;

3. Jenfasizza li attwalment erba' Stati Membri għadhom qegħdin jużaw id-dijaframmi tal-asbestos fl-installazzjonijiet li huma tat-tip li jużaw vultaġġ baxx li għalihom ebda materjal tad-dijaframma alternattiv mhuwa disponibbli minkejja programm ta' riċerka konsiderevoli li sar mill-kumpaniji kkonċernati;

4. Jenfasizza li, skont ir-reviżjoni tad-deroga tad-dijaframmi tal-asbestos chrysolite, l-espożizzjoni potenzjali għall-ħaddiema teżisti biss meta d-dijaframmi jkollhom jinbidlu (il-ħajja tagħhom ma taqbiżx l-għaxar snin) minħabba li ċ-ċelloli tal-elettroliżi jingħalqu b'mod ermetiku matul l-operazzjoni biex il-gass kloru ma joħroġx u l-industrija tirrapporta li l-limiti ta' espożizzjoni tal-ħaddiema għall-chrysolite qegħdin jiġu osservati bis-sħiħ;

5. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw l-implimentazzjoni stretta tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien tal-ħaddiema mir-riskji

[1] http://ec.europa.eu/enterprise/chemicals/legislation/markrestr/index_en.htm

marbuta mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol;

6. Jiddispjaċih li s'issa ma kienx possibbli li tiġi stabbilita lista Ewropea ta' prodotti eżentati mill-projbizzjoni skont il-punt 2, numru 6, tal-anness imsemmi hawn fuq tal-abbozz tar-regolament tal-Kummissjoni li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi minnufih lista bħal din wara l-komunikazzjoni tal-miżuri nazzjonali rilevanti, iżda sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2012;

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq proposta leġiżlattiva sa tmiem l-2009 dwar ir-rimi kkontrollat tal-fibri tal-asbestos u d-dekontaminazzjoni jew ir-rimi ta' tagħmir li jkun fih il-fibri tal-asbestos sabiex jiġu eliminati għalkollox;

9. Barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi strateġija għall-projbizzjoni tal-forom kollha ta' asbestos u ta' kull tip ta' użu marbut mal-fibri tal-asbestos sal-2015, fosthom rekwiżiti ta' esportazzjoni xierqa skont ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 dwar il-ġarr ta' skart, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-prossimità kif stabbilit fid-Direttiva 2008/98/KEE tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u jirrevoka ċerti Direttivi, billi l-asbestos għadu jaħti għal għadd sostanzjali ta' mardiet marbuta mal-espożizzjoni għall-fibri tal-asbestos;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta regolarment lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni tal-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru … ta' … li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni *tal-Kimiki* (REACH)), fir-rigward tal-Anness XVII;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.